MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 786/2003/1

**P & S Limited**

**v.**

**Dingli Company International Limited bhala mandatarja tas-socjeta` estera *The Performing Rights Society Limited* ta' Londra, u l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomici**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar, 2008 li in forza tieghu cahdet talba

tas-socjeta` konvenuta appellanti biex twaqqaf is-smigh tal-kawza u tiddikjara l-procediment ezawrit.

Ic-cirkostanzi li waslu ghal dan l-appell huma, fi kliem is-socjeta` konvenuta appellanti, is -segwenti;

1. Illi permezz ta’ l-Avviz numru 2821 tas-sena 2002, prezentat quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar, is-socjeta` appellanti gja` attrici talbet lit-Tribunal tat-Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lis-socjeta` appellata gja` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici appellanta odjerna ir-*royalties* dovuta lill-istess socjeta` attrici liema *royalties* huma dovuti fir-rigward ta’ l-istabbiliment Palazzo Santa Rosa, San Pawl il-Bahar ghall-perjodu ta’ bejn is-6 ta’ Gunju, 2002 sal-5 ta’ Gunju, 2003.

2. Illi s-socjeta` appellata, gja` konvenuta, eccepiet, *inter alia*, illi s-socjeta` appellanti kellha ggib il-prova tat-titolu taghha u l-licenzji relattivi sabiex topera fil-gurisdizzjoni ta’ Malta, liema eccezzjoni ma setghetx tigi investigata mit-Tribunal tat-Talbiet Zghar minhabba nuqqas ta’ kompetenza skond l-Artikolu 7 subinciz (2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi kif jirrizulta mill-verbal datat l-1 ta’ Lulju, 2003, it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, issospenda l-proceduri quddiemu ghal zmien xhar sabiex is-socjeta` appellata, gja` konvenuta, tressaq il-pretensjonijiet taghha quddiem il-Qorti kompetenti.

4. Illi l-istess socjeta` appellata, permezz ta’ citazzjoni ipprezentata fit-23 ta’ Lulju, 2003, talbet lill-Prim Awla tal-Qorti Civili joghgobha:

(1) Tiddikjara illi s-socjeta` kovenuta Dingli Co. International Limited bhala mandattrici tas-socjeta` estera *The Performing Right Society Limited* ta’ Londra kif ukoll l-istess socjeta` estera, *The Performing Right Society Limited* mhumiex “*collecting societies*” legalment inkorporati u licenzjati *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-Kap 415 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant qeghdin

abbuzivament jitolbu hlasijiet ta’ *royalties* fl-Avviz bin-numru 2821/02;

(2) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Dingli Co. International Limited bhala mandattrici tas-socjeta` estera *The Performing Right Society Limited* ta’ Londra kif ukoll l-istess socjeta` estera, *The Performing Right Society Limited* ma jkomplux jagixxu bhala “*collecting societies*” sakemm jadempixxu mar-rekwiziti tal-ligi;

(3) Tiddikjara illi l-konvenut, l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomici naqas milli jiehu l-passi neccessarji sabiex iwaqqaf lis-socjeta` konvenuta Dingli Co. International Limited nomine milli topera bhala “*collecting society*” fil-gurisdizzjoni ta’ Malta u naqas ukoll milli jiehu l-passi rimedjali abbazi tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 415 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi permezz tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha, s-socjeta` esponenti kienet ecceppiet is-segwenti:

(1) Preliminarjament, u minghajr ebda pregudizzju, illi l-azzjoni hekk kif intavolata hija nulla stante illi ma hija bazata fuq ebda dritt jew azzjoni kontemplata mil-ligi u ghalhekk hemm nuqqas manifest ta’ kwalunkwe interess guridiku legittimu skond il-ligi da parti tas-socjeta` attrici fil-proceduri odjerni.

(2) Illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni fil-konfront tal-konvenut Onorevoli Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomici personalment tikkosttiwixxi *res inter alios acta* fil-konfront ta’ l-eccipjenti li ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi l-kontenjuz bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` eccipjenti hija ta’ natura strettament kummercjali u li fi kwalunkwe kaz huma meritu ta’ proceduri vigenti quddiem it-Tirbunal ghal Talbiet Zghar u li minhabba f’hekk dan il-meritu per se ma jaqax taht il-gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti.

(3) Illi l-azzjoni kif proposta hija nulla wkoll stante li ma jezisti ebda forma ta’ appell, jew *“judical review”* minn decizjoni moghtija mit-Tirbunal ghal Talbiet Zghar li biha

cahdet eccezzjoni sollevata mis-socjeta` attrici identika ghall-meritu ta’ dina l-kawza.

(4) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u ghal kull buon fini, is-socjeta` eccipjenti qed topera kummercjalment skond il-ligi u skond l-obbligi kuntrattwali taghha fil-konfront tas-socjeta` attrici.

(5) Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

6. Illi kif jirrizulta mill-verbal datat 12 ta’ Dicembru, 2005, is-socjeta` konvenuta kienet talbet lill-Ewwel Qorti sabiex qabel ma jibda s-smigh tax-xhieda, tghaddi sabiex taghti sentenza fuq l-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta` appellanti gja` konvenuta. L-ewwel Qorti laqghet it-talba tas-socjeta` appellanti gja` konvenuta u permezz tas-sentenza datata 26 ta’ Mejju, 2006, l-istess Qorti cahdet l-ewwel tliet eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, appellanti odjerna, stante illi “*fid-dawl ta’ dawn il-fatti jidher mill-ewwel illi l-eccezzjonijiet li qeghdin inqisu llum huma hziena, jekk mhux ukoll x’aktarx frivoli*” u ordnat illi jitkompla s-smigh tal-kawza bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

7. Illi fil-31 ta’ Mejju, 2006 s-socjeta` konvenuta, appellanti odjerna, ipprezentat rikors illi permezz tieghu talbet lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzaha tinterponi umli appell mis-Sentenza preliminari moghtija fis-26 ta’ Mejju, 2006, ai termini tal l-Artikolu 231(1) tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u l-Procedura Civili, u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u provvedimenti ohrajn illi dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

8. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, permezz tad-digriet taghha datat l-1 ta’ Gunju, 2006, ordnat illi l-istess rikors datat 31 ta’ Mejju, 2006 jitqieghed fuq il-lista tad-9 ta’ Gunju, 2006 sabiex jinstema’ u ordnat ukoll illi jsiru n-notifiki mehtiega.

9. Illi fid-9 ta’ Gunju, 2006, wara illi l-ewwel Onorabbli Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq l-istess rikors, iddegretat is-segwenti: *Billi kif*

*inghad fis-sentenza tas-26 ta' Mejju, 2006 il-Qorti hija tal-fehma illi l-eccezzjonijiet m,ichuda f'dik is-sentenza kienu x'aktarx fiergha, ma hux il-kaz illi jinhela aktar zmien fuq b'appell f'dan l-istadju, ghalhekk tichad it-talba maghmula fir-rikors tal-31 ta' Mejju, 2006 u tordna li jitkompla s-smigh tal-kawza.*

10. Illi fil-15 ta' Frar, 2007, il-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur laqa' t-talba illi kienet saret mis-socjeta` *Performing Society Limited* sabiex tigi approvata bhala *collecting society* u awtorizzat il-hrug tal-lincenzja relattiva f'isem is-socjeta` appellanti sabiex topera bhala *collecting society*.

11. Illi minhabba f'hekk permezz ta' rikors datat 8 ta' Marzu, 2007, is-socjeta` appellanti gja` konvenuta talbet lill-ewwel Qorti joghgobha tiddikjara illi l-meritu tal-kawza odjerna kien jinsab ezawrit u tipprocedi ulterjorment biss ghal dak illi ghandu x'jaqsam mal-kap ta' l-ispejjez. Din it-talba kienet qeghda ssir in vista tal-fatt illi kien hemm decizjoni finali moghtija fil-15 ta' Frar, 2007 mill-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur bhala l-organu kompetenti skond il-ligi permezz ta' liema decizjoni s-socjeta` estera *The Permorming Right Society Limited* giet approvata bhala *"Collecting Society"* ai termini ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awur (kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Avviz Legali Numru 425/2003 relatati; kif ukoll gew approvati t-Tariffi taghha. Inoltre, in vista ta' dan l-izvilupp, kien evidenti u manifest illi ma jista' jkun hemm ebda ostakolu iehor ghat-tkomplija tas-smigh, trattazzjoni u decizjoni daparti tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fir-rigward ta' l-Avviz numru 2821/2002 riferita fil-premessi tac-citazzjoni attrici li fir-rigward taghha biss apparentement gew intavolati il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti u di piu', kien evidenti u manifest illi fid-dawl ta' dan l-izvilupp il-mertu kollu tal-kawza odjerna pendenti quddiem il-Qorti huwa kollox ezawrit.

12. Illi dan ir-rikors gie trattat mid-difensuri tal-partijiet quddiem l-ewwel Qorti u permezz tad-digriet datat 29 ta' Jannar, 2008 l-ewwel Qorti cahdet dan ir-rikors abbazi tas-segwenti ragunament:

*“il-Qorti tosserva illi, ghalkemm huwa minnu illi l-meritu tat-tieni talba – biex il-konvenuta ma tkomplix taghmilha ta’ collecting society sakemm ma tkunx ghamlet dak li trid il-ligi – jirreferi ghall-gejjieni u ghalhekk jista’ jkun illi, issa li nhareg il-permess, dak li trid il-ligi sehh, u l-meritu ta’ dik it-talba x’aktarx illi tassew huwa “ezawrit”, ma jistghax jinghad l-istess ghat-tieni talba, ghax din tirreferi ghaz-zmien meta nfethet il-kawza. Quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar qieghed jintalab hlas ghaz-zmien bejn is-6 ta’ Gunju 2002 sal-5 ta’ Gunju, 2003 – iz-zmien relevanti – u, fid-dawl tal-fatt illi l-approvazzjoni tal-Bord dwar id-Drittijiet ta’ l-awtur inghatat b’decizjoni tal-15, 2007, ghad hemm interess guridiku illi jigi stabbilit jekk fiz-zmien relevanti is-socjeta` konvenuta setghetx skond il-ligi titlob hlas.”*

13. Is-socjeta` appellanti hassitha aggravata b’dan id-digriet u ghaldaqstant, permezz tar-rikors datat 7 ta’ Frar, 2008, l-istess socjeta` appellanti gja` konvenuta talbet lill-ewwel Qorti joghgobha takkordalha l-permess specjali a tenur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 229 (3) tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili (kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex din tkun tista’ tinterponi umli appell mill-imsemmi digriet f’dan l-istadju. L-ewwel Qorti akkordat il-permess specjali…

Il-Provvediment li minnu qed isir l-appell odjern ighid testwalment hekk:
“Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mis-soċjetà konvenuta *Dingli Co. International Limited nomine* b’rikors tat-8 ta’ Marzu 2007[1] biex il-qorti “tiddikjara illi l-meritu tal-kawża … … … llum jinsab esawrit u tipproċedi ulterjorment biss għal dak li għandu x’jaqsam mal-kap ta’ l-ispejjeż”.

"Il-fatti relevanti seħħew hekk:

“Is-soċjetà konvenuta *Dingli Co. International Limited nomine* fetħet kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet

[1] *Fol*. 253.

Żgħar kontra s-soċjetà attriċi għall-ħlas ta' *royalties* relativi għaż-żmien bejn is-6 ta' Ġunju 2002 sal-5 ta' Ġunju 2003. Is-soċjetà attriċi ressqet l-eċċezzjoni illi "s-soċjetà attriċi [konvenuta fil-kawża tallum] għandha ġġib il-prova tat-titolu li qed tivvanta u l-liċenzi relativi sabiex topera fil-ġurisdizzjoni ta' Malta". It-tribunal meta ra din l-eċċezzjoni ta dan id-dikriet fis-seduta li saret quddiemu fl-1 ta' Lulju 2003:

"It-tribunal, in vista tar-risposta, fejn qed jingħad illi kellha tinġieb il-prova tat-titolu dwar il-liċenza, jipprefiġġi lill-konvenut terminu ta' xahar mil-lum sabiex iressaq il-pretensjonijiet tiegħu quddiem il-qorti kompetenti u jissospendi dawn il-proċeduri pendenti li ssir l-azzjoni opportuna.

"Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża tallum u qiegħda titlob *inter alia* illi din il-qorti:

"1. tgħid illi s-soċjetà *Dingli Co. International Limited* bħala mandatriċi [*recte*, mandatarja] tas-soċjetà estera *The Performing Right Society Limited*, kif ukoll din l-aħħar soċjetà, ma humiex *collecting societies* legalment inkorporati u liċenzjati taħt il-Kap. 415 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk qegħdin bi ksur tal-liġi jitolbu ħlasijiet ta' *royalties* mingħand l-attriċi fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar; u

"2. tikkundanna lis-soċjetà *Dingli Co. International Limited* bħala mandatarja tas-soċjetà estera *The Performing Right Society Limited* kif ukoll lis-soċjetà *The Performing Right Society Limited* biex ma jkomplux jaħdmu bħala *collecting societies* sakemm ma jkunux għamlu dak li trid il-liġi.

"Ġara illi, waqt li kienet miexja l-kawża, il-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur b'deċiżjoni tal-15 ta' Frar 2007 approva lis-soċjetà konvenuta *The Performing Right Society Limited* bħala *collecting society* għal dak li tgħid u trid il-liġi. Għalhekk, tgħid il-konvenuta, issa "ma jista' jkun hemm ebda ostakolu ieħor għat-tkomplija tas-smigħ, trattazzjoni u deċiżjoni" tal-kawża quddiem it-Tribunal għal

Talbiet Żgħar, u għalhekk ukoll talbet illi din il-qorti tgħid illi l-meritu tal-kawża quddiemha huwa "eżawrit".

"Is-soċjetà attriċi wieġbet fit-3 t'April 2007[2].

"Il-qorti tosserva illi, għalkemm huwa minnu illi l-meritu tat-tieni talba – biex il-konvenuta ma tkomplix tagħmilha ta' *collecting society* sakemm ma tkunx għamlet dak li trid il-liġi – jirreferi għall-ġejjieni u għalhekk jista' jkun illi, issa li nħareġ il-permess, dak li trid il-liġi seħħ, u l-meritu ta' dik it-talba x'aktarx illi tassew huwa "eżawrit", ma jistax jingħad l-istess għat-tieni talba, għax din tirreferi għaż-żmien meta nfetħet il-kawża. Quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar qiegħed jintalab ħlas għaż-żmien bejn is-6 ta' Ġunju 2002 sal-5 ta' Ġunju 2003 – iż-żmien relevanti – u, fid-dawl tal-fatt illi l-approvazzjoni tal-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur ingħatat b'deċiżjoni tal-15 ta' Frar 2007, għad hemm interess ġuridiku illi jiġi stabilit jekk fiż-żmien relevanti is-soċjetà konvenuta setgħetx skond il-liġi titlob ħlas.

"Għal din ir-raġuni l-qorti tiċħad it-talba magħmula bir-rikors tat-8 ta' Marzu 2007 u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

"L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom is-soċjetà konvenuta *Dingli Co. International Limited nomine*.

Is-socjeta` konvenuta appellanti u cioe` Dingli Company International Limited fil-kwalita` taghha premessa, resqet zewg aggravji kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti:

"(i) In-nuqqas ta' l-ewwel Onorabbli Qorti illi tiddikjara il-mertu, u allura l-proceduri quddiemha, ezawriti minkejja l-hrug tal-lincenzja *de quo*; liema hrug ikkrea *jus superveniens* li nehha kwalunkwe impediment, jekk qatt kien hemm, ghall-kontinwazzjoni ta' proceduri intavolati quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ghall-gbir tad-drittijiet naxxenti minn relazzjoni kontrattwali.

2 *Foll.* 289 *et seq.*

"(ii) Separatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-ewwel Onorabbli Qorti agixxiet *ultra vires* mill-poteri gurisdizzjonali taghha meta fid-digriet taghha mertu ta' l-appell odjern imponiet "klawsola" temporali ta' meta l-licenzja *de quo* setghet topera u ta' meta l-istess licenzja setghet ma toperax u allura emendat l-kondizzjonijiet ta' licenzja validament mghoddija mill-awtorita` kompetenti skond il-ligi."

Wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, din il-Qorti sejra issa titratta l-meritu tal-appell, u mil-ewwel tiddikjarah bhala wiehed fiergha u vessatorju. Dan ghaliex meta Qorti in prim istanza tiddeciedi li trid tisma' provi u/jew trattazzjoni qabel ma taqbad u tiddeciedi li l-meritu tal-kawza hu "ezawrit" – meta din il-materja tkun kontesta mill-parti l-ohra – tkun, fil-verita`, qed tiddeciedi li taqdi l-funzjoni gudizzjarja taghha skond il-ligi, u cioe`, li tisma' x'ghandhom xi jghidu l-partijiet qabel ma taqta' l-kawza. L-implikazzjoni tad-decizjoni moghtija mill-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur trid tarahom il-Qorti, u jekk ikun hemm kontestazzjoni dwar l-effetti ta' dik id-decizjoni, sta ghall-Qorti adita li tiddeciedi fuq il-kontroversja <u>wara</u> li tisma' z-zewg nahat.
Kif osservat b'mod logiku l-ewwel Qorti;
"Quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar qieghed jintalab hlas ghaz-zmien bejn is-6 ta' Gunju 2002 sal-5 ta' Gunju 2003 – iz-zmien relevanti – u, fid-dawl tal-fatt illi l-approvazzjoni tal-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur inghatat b'decizjoni tal-15 ta' Frar 2007, ghad hemm interess guridiku illi jigi stabbilit jekk fiz-zmien relevanti is-socjeta` konvenuta setghetx skond il-ligi titlob hlas."

Dik il-Qorti ma qalitx li s-socjeta` konvenuta ma kienetx awtorizzata tagixxi bhala mandatarja ta' *The Performing Right Society Limited* fiz-zmien relevanti, u lanqas jekk id-decizjoni tal-Bord tal-2007 ghandhiex jew le effett retroattiv. Ma dahlet ebda "klawsola temporali" ta' meta l-licenzja setghet topera, imma qalet biss li din hi materja <u>li jehtieg li tigi investigata</u>. X'gie deciz ezattament mill-Bord u x'ittiehed minnha in konsiderazzjoni qabel ma tat id-decizjoni taghha, ghad, kif qalet l-ewwel Qorti, irid "jigi

stabbilit". Li tippretendi, kif qed targumenta s-socjeta` konvenuta appellanti, li l-ewwel Qorti taqbad u taccetta l-interpretazzjoni tad-decizjoni tal-Bord kif indikata lilha mis-socjeta` konvenuta minghajr ma tistharreg sew il-kwistjoni, huwa manifestament zbaljat. Jekk ikun hemm diskordju bejn partijiet f'kawza dwar jekk il-meritu tal-kawza hux ezawrit jew le, il-Qorti ghandha obbligu tisharreg il-materja qabel ma tiddeciedi. Il-posizzjoni tas-socjeta` konvenuta ma giet bl-ebda mod ippregudikata bid-digriet fuq imsemmi tal-ewwel Qorti, ghax is-sottomissjonijiet taghha jistghu jigu akkolti fid-decizjoni finali li taghti l-Qorti. Zgur, pero`, din il-Qorti mhux se zzomm lill-Qorti milli tkompli tisma' x'ghandhom x'jghidu l-partijiet qabel ma taghti d-decizjoni taghha.

Jekk is-socjeta` konvenuta tilmenta minn xi dewmien, kien ikun ahjar ghaliha li kieku halliet lill-Qorti tkompli taghmel xogholha skond il-ligi milli tahlilha l-hin b'dawn it-talbiet u appell kompletament inutili!

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess u tordna li l-atti jintbaghtu lura ghall-quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' l-kaz skond il-ligi.

L-ispejjez in konnessjoni ma' dan l-incident ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fiergha u vessatorju fit-termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lis-socjeta` appellanti thallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------